

**Informazzjoni dwar is-segwitu għall-ilmenti rreġistrati bir-referenza CHAP (2013) 01917– Nuqqas ta’ miżuri għall-prevenzjoni tal-użu abbużiv ta’ kuntratti suċċessivi b’terminu fiss fis-settur pubbliku Spanjol.**

(Biex tikkonsulta l-informazzjoni inkluża f’komunikazzjoni preċedenti ara n-[Notifika ta’ Informazzjoni tal-ilment multiplu CHAP\(2013\)01917](#)<sup>1</sup> u l-[Informazzjoni dwar is-segwitu għall-ilmenti rreġistrati bin-numru ta’ referenza CHAP\(2013\)01917 – Is-settur pubbliku Spanjol](#)<sup>2</sup>)

### Sitwazzjoni attwali

Fis-7 ta’ Lulju 2021, ġie ppubblikat id-Digriet Amministrattiv Irjali 14/2021 tas-6 ta’ Lulju 2021 dwar miżuri urġenti biex jitnaqqas l-impieg temporanju fl-impieg pubbliku<sup>3</sup>. Dan id-Digriet Amministrattiv Irjali kien jinkludi l-emenda tat-test ikkonsolidat tal-Liġi dwar l-Istatut Bażiku tal-Impjegati tas-Settur Pubbliku, approvat bid-Digriet Amministrattiv Irjali 5/2015 tat-30 ta’ Ottubru 2015. Id-Digriet Amministrattiv Irjali 14/2021 ġie rratifikat mill-Parlament Spanjol fis-sessjoni plenarja tal-21 ta’ Lulju 2021. Madankollu, fl-istess sessjoni, il-Ministru tal-Finanzi u tas-Servizz Pubbliku ġabbar l-introduzzjoni ta’ emendi ġodda fix-xhur ta’ wara.

Il-Kummissjoni bħalissa qed tanalizza l-aħħar emenda u se ssegwi mill-qrib il-proċess leġiżlattiv futur sabiex tivaluta l-konformità tat-test li jirriżulta mad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE<sup>4</sup> u mal-każistika rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Dawk kollha li bagħtu lment se jinżammu infurmati permezz ta’ dan is-sit web<sup>5</sup> dwar ir-riżultati tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> [https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/file\\_import/information-notice-multiple-complaint-chap-2013-01917\\_mt.pdf](https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/file_import/information-notice-multiple-complaint-chap-2013-01917_mt.pdf)

<sup>2</sup> [https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/reply\\_pm\\_es\\_public\\_sector\\_ftwd\\_20201006\\_mt.pdf](https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/reply_pm_es_public_sector_ftwd_20201006_mt.pdf)

<sup>3</sup> BOE n. 161, tas-07/07/2021, BOE-A-2021-11233.

<sup>4</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta’ Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkuż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP (ĠU L 175, 10.7.1999, p. 43–48).

<sup>5</sup> [https://ec.europa.eu/info/about-european-commission/contact/problems-and-complaints/how-make-complaint-eu-level/joining-similar-complaints/decisions-multiple-complaints\\_mt](https://ec.europa.eu/info/about-european-commission/contact/problems-and-complaints/how-make-complaint-eu-level/joining-similar-complaints/decisions-multiple-complaints_mt)